MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2564/2000/1

**Sharon Scicluna**

**vs**

**Hani Fahima Ashur**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Frar 1998, fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok "A", u

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null *stante* illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja

mizzewga, *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u

Illi *inoltre,* l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u

Illi *oltre* dan, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fil-21 ta' Frar 1998, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-12 ta' Settembru 2001 (*a tergo* ta' fol. 12) huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 24 ta' Settembru 2001 fejn giet nominata Dr. Deborah Farrugia bhala Perit Legali.

Rat l-avviz tal-25 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-24 ta' Settembru 2001, 21 ta' Jannar 2002 u 25 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta tal-11 ta' Gunju 2002; ta' l-14 ta' Novembru 2002; tat-18 ta' Frar 2003 fejn il-Perit Legali ddikjarat li gie pprezentat ir-rapport; u tal-21 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali a fol. 19;

Rat ix-xhieda ta' l-attrici datata 29 ta' Novembru 2001 u 17 ta' Jannar 2002, 23 ta' Jannar 2002 u 6 ta' Frar 2002; Joseph Scicluna tal-31 ta' Jannar 2002 u 6 ta' Frar 2002, u 3 ta' Ottubru 2002; Jackie Scicluna tal-11 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol. 66;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2001 xehdet l-attrici u tghid li hija iltaqghet mal-konvenut gewwa Paceville fi Frar 1995. Hija kellha tnejn u ghoxrin (22) sena u huwa kellu ghoxrin jew wiehed u ghoxrin (20/21) sena. Minn Frar 1995 il-kontendenti bdew johorgu regolarment flimkien.

Illi l-**attrici** tispjega li qabel din ir-relazzjoni mal-konvenut hija kellha relazzjoni ta' erba` (4) snin ma' guvni jismu Joseph. Din ir-relazzjoni spiccat f'Ottubru 1994. Wara Joseph hija kellha biss din ir-relazzjoni mal-konvenut.

Illi hija xehdet li l-konvenut qalilha li huwa kien jghix l-Amerika. Huwa kien twieled il-Libja u l-genituri tieghu t-tnejn kienu telqu mill-Libja bhala *refugees* u marru jghixu l-ewwel Ruma imbaghad l-Amerika. Il-konvenut kellu xi erba` (4) jew hames (5) snin meta telaq minn pajjizu. Missieru kien jahdem ma' C.I.A. u kien inqatel fl-1988 mill-Libjani gewwa l-Grecja. Il-konvenut kien gie Malta fl-24/25 t'Ottubru 1994 qabel ma jmur il-Grecja sabiex jigbor xi oggetti personali ta' missieru illi nstabu fuqu meta qatluh. Fil-fatt il-konvenut qatt ma mar il-Grecja. Huwa qal li kien vaganza Malta, pero' ma kellux flus fuqu. Huwa kien gie mill-Libja. Il-konvenut kien jghidilha li *"He hated Libya"* u peress li kien jghix l-Amerika kienet iktar aghar ghalih. Il-konvenut kien qalilha li kien gie Malta wahdu mhux mal-familja. Ommu kienet il-Libja u ma setghetx tohrog mill-pajjiz.

Illi l-attrici tkompli tispjega li l-konvenut qalilha li huwa u l-familja tieghu kienu telqu mill-Amerika fl-1992. Kienu marru ghall-vaganza l-Libja u gabu l-passaport Libjan mill-Kanada. Minflok vaganza, meta waslu l-Libja l-familja cjoe' ommu, Hani u Haythim, huh iz-zghir, twaqfu u l-ufficjali Libjani hadulhom il-passaporti u baqghu jghixu l-Libja.

Illi l-attrici tghid li meta bdiet tohrog mal-konvenut lill-genituri taghha iddiskrivietu bhala guvni Amerikan u mhux Libjan. Wara xi xaharejn li bdiet tohrog mal-konvenut hija qaltilhom li kien Libjan. Hija tispjega li oht ommha, Pam, izzewget Libjan u ilha tghix il-Libja xi 35 sena. Hija tbaghti hafna u ghalhekk omm l-attrici kienet *"totally against me going out with a Libyan."*

Illi l-attrici tghid li r-relazzjoni taghha mal-familja qabel ma saru jafu li l-konvenut kien Libjan, kienet tajba hafna. Hija *identical twin* ma' Claudine li llum mizzewga ragel Ingliz, Warren. Warren kien accettat fil-familja immedjatament izda l-konvenut qatt ma gie accettat wara li l-kontendenti zzewgu.

Illi l-attrici tkompli tixhed li l-genituri taghha ma accettawhx lill-konvenut ghax kien Libjan u ssuppervjaw u argumentaw hafna. Il-genituri taghha kienu *"totally against the relationship"* u dan ghaliex kien Libjan u z-zija Pam kienet sofriet hafna. Ir-relazzjoni taghha mal-familja iddisintegrat fix-xejn. L-attrici kienet saret inezistenti ghalihom. Hija kienet tidhol torqod, tmur ghax-xoghol u tmur id-dar sabiex tbiddel biss. Ommha kienet waqfet tkellimha minn dik il-gurnata sal-gurnata li telaq il-konvenut. Minn 1995 sa l-1996 id-dar tal-familja taghha kienet "*living hell*".

Illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2002 l-attrici tkompli tixhed li f'Settembru ta' l-1996 il-genituri taghha kienu bdew jargumentaw maghha fuq il-hrug u fuq il-konvenut. Ommha kienet qaltilha sabiex tmur tghix gewwa l-*flat* taghha f' Xemxija Heights, li dak iz-zmien kien qed jghix fih il-konvenut. Ghalhekk l-attrici telqet mid-dar u marret tghix fil-flat taghha flimkien mal-konvenut.

Illi hija tghid li darba marret il-pjazza ta' Bugibba hdejn "Ceasar Bar" fejn il-konvenut kellu l-hbieb u kien jaghmel hafna zmien hemmhekk. Hija kellha tistennieh hemmhekk wara x-xoghol u waqt li kienet qed tistenna gie l-habib tal-konvenut u qalilha li kien sema' li hija u l-konvenut kienu sejrin jizzewgu. Hija qaltlu, "*tafu aktar minni ghaliex jiena ma nafx xejn.*" Sa dak iz-zmien il-kontendenti qatt ma kienu ddiskutew z-zwieg.

Illi l-attrici tghid: *"Jien ma kellix hsieb li nizzewweg ghaliex dak iz-zmien jiena kelli l-flat tieghi, proprjeta' tieghi, nghixu flimkien u jiena kelli job u huwa wkoll bhala barman is-Ceasars Bar"*. Meta avvicinat lill-konvenut b'din l-istorja huwa qal, *"mhux better we get married".*

Illi l-attrici tixhed li minhabba l-problemi li kellha mal-familja u kif ukoll ghaliex kienet komda kif kienet z-zwieg ma kienx priorita` ghaliha. Tghid: *"I felt something was keeping me back from getting married. I never wanted to get married, in a way like I had doubts."* Hija kienet infurmat lill-konvenut li jizzewwgu bir-registru biss u mhux

bil-Knisja. Tghid: *"Getting married in church was more of a commitment."*

Illi l-attrici tghid li fis-Sajf ta' l-1997 il-konvenut kien qalilha li ommu kienet giet Malta u gabet maghha l-inkartament kollu neccessarju ghalih sabiex jizzewweg Malta. Hija ma qalet xejn ghaliex *"I did not know what I wanted to do".* Wara xi zmien hija kienet gabret il-karti kollha u qattghet kollox. Xi zmien wara, omm il-konvenut kienet regghet giet lura Malta u gabet l-istess inkartament sabiex il-konvenut jizzewweg Malta.

Illi hija tixhed li kienet iltaqghet diversi drabi ma' omm il-konvenut. F'dan iz-zmien il-konvenut qatt ma mar il-Libja.

Illi tkompli tghid li fis-6 ta' Jannar 1998 il-kontendenti kienu marru r-Registru Pubbliku u taw il-karta sabiex jizzewgu. Tghid li hija ddecidiet li tizzewweg meta l-konvenut ma kellux ix-xoghol. B'dan kien jaf biss missierha u ohtha.

Illi tixhed li l-kontendenti ddecidew li jizzewgu fid-data ta' sitt gimghat wara li taw l-karti. Tghid li hija ma kellhiex tieg, bhal ma kellha ohtha t-tewmija.

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Frar 1998 gewwa r-Registru Pubbliku fis-7:00pm. Kienu prezenti ohtha u zewgha, x-xhud taghha Vanessa Schembri, x-xhud tal-konvenut, Adrian Bugeja u t-tfajla tieghu Sue; kien hemm xi kugin ta' l-attrici minn naha ta' missierha. Missier u omm l-attrici ma gewx ghac-cerimonja.

Illi tghid li wara c-cerimonja kulhadd mar "*Pizza Hut*" u wara l-kontendenti hargu mal-hbieb.

Illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2002 l-attrici tkompli tispjega li ommha kienet heddet lil missierha li jekk jigi ghac-cerimonja taz-zwieg ta' l-attrici, hija kienet sejra titilqu.

Illi l-attrici tghid li tlett ijiem wara li zzewgu kien hareg ic-certifikat taz-zwieg u dik il-gurnata stess il-kontendenti kienu marru l-O.P.M. sabiex il-konvenut japplika ghal

*"freedom of movement*" u l-konvenut ikun jista' jahdem Malta legalment u jkollu drittijiet legali. Applikaw ghal I.D. card tal-konvenut. Wara xi sitt gimghat kien hareg l-approval tal-"*freedom of movement"* fejn marru l-*Emigration* u l-Pulizija d-Depot li ttimbraw il-passaport Libjan tal-konvenut.

Illi tghid li l-konvenut kien diga' beda japplika ghax-xoghol sabiex meta johrog il-"*freedom of movement"* jibda jahdem u fil-fatt beda jahdem ma' Mr Subbs l-Imsida. Dak iz-zmien kienet tahdem ic-*Central Office of Statistics*.

Illi l-attrici tghid li wara z-zwieg il-konvenut kien beda jaghmel konnoxxenza ta' hbieb u beda johrog hafna. Tispjega li hija kellha wkoll *"part time"* sabiex tkun tista' thallas id-dejn li kellha fuq il-karozza u l-appartament.

Illi tixhed li l-konvenut kien beda jahdem ma' *Country Style* u hemm kien issemmi certa Pam, li kienet tahdem mieghu. Dak iz-zmien il-konvenut kien jidhol tard id-dar; gieli fl-4:00 a.m. jew aktar tard anki fit-8:00 a.m. wara li tkun waslet ix-xoghol u ccempillu. Huwa kien jghidilha li jew kellu "*puncture"* jew karozza bla *petrol*, jew hareg mal-hbieb Paceville jew kellu jaghti xi *lifts* lit-tfajliet jahdmu mieghu u jghixu M'Scala.

Illi l-attrici tispjega li hija kellha sieghat twal ix-xoghol taghha u l-konvenut kien ikun jahdem jew johrog jixrob mal-hbieb u ghalhekk ftit kienu jaraw lil xulxin. L-argumenti u l-glied kienu frekwenti, u gieli l-konvenut kien beda juza l-vjolenza. Tghid: *"Ir-relazzjoni sesswali taghna f'dan iz-zmien kien inezistenti u dan ghal perjodu twil fiz-zwieg taghna. Ir-relazzjoni sesswali taghna kienet spiccat f'xi April 1999 izda nzid li din qatt ma kienet wahda normali ghaliex huwa ma kellux 'sex drive' u meta kont nghidlu sabiex ikollna x'naqsmu huwa kien jghid li tigri biss meta ikun hemm il-voglia. Qabel iz-zwieg ir-relazzjoni sesswali kienet tajba. Naf li darba kont anki sibtu jara film tal-pornografija waqt li jiena kont rieqda go kamarti. Huwa kien spiss jorqod wahdu fuq is-sufan tas-sitting room."*

Illi l-attrici tghid li darba giet lura mix-xoghol xi Novembru 1999 u sabet lill-konvenut qed jippakja hwejgu. Meta staqsitu huwa qal li sejjer jitlaqha u li *“he hates me”.*

Illi fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2002 xehdet l-attrici u spjegat li wara li telaq il-konvenut hija saret taf li kien qed jghix gewwa appartament, Bugibba ma’ tfajla ta’ sittax-il sena (16) jisimha Pam, dik Pam li kienet tahdem mieghu il-*Country Style*, St.Julians.

Illi l-attrici tispjega li l-konvenut ma jista’ qatt jirritorna lejn il-Libja jew l-Amerika. Il-konvenut kien qalilha li l-passaport tal-Libja kien skadut. Il-*Libyan Embassy* kien qallu sabiex imur il-Libja sabiex jestendih u l-konvenut kien irrifjuta li jmur hemm ghaliex jekk imur il-Libja jibza’ li jzommuh hemmhekk ghaliex kien ilu barra mil-Libja minn Novembru 1997. Huwa kien jghid li z-zwieg taghhom ma jkunx rikonoxxut il-Libja u minhabba f’hekk izommuh hemm. L-attrici tispjega wkoll li qabel iz-zwieg huma kienu marru l-*American Embassy* u saret taf li l-konvenut kellu biss “*travel documents”* u mhux passaport Amerikan, liema dokumenti kienu skadew.

Illi tixhed ukoll li l-konvenut kellu tarbija minn mara, Gayle Shanp, li kienet tghix l-Amerika. It-tifel jismu Damian. Tghid li l-konvenut qatt ma mar jarah jew ikkomunika mieghu, lanqas qatt ma rat xi ritratti tieghu.

Illi fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2002 xehdet l-attrici: *“..l-pressjoni li kien ghamel missieri, permezz ta’ l-insistenza tieghu li jiena ma nizzewigx lil Hani, liema pressjoni kienet kontinwa mill-gurnata li sar jaf b’Hani sal-gurnata tat-tieg, flimkien ukoll mall-pressjoni t’ommi li ghall-ewwel kienet tkellimni sabiex nitlaq lil Hani, imbaghad spiccat ma tkellimnix minhabba f’Hani, din ir-reazzjoni taghhom kienet taghmilni nirribella iktar u niggieled iktar maghhom u minflok nipprova nifimhom, kont naqbad nitlaq mid-dar u mmur hdejn Hani. Jiena kont nehodha kontra l-genituri. Jiena meta rajt l-attitudni tal-genituri tieghi lejja minhabba li ridt nizzewweg lil Hani, iktar u iktar webbist rasi li kelli nizzewweg.”*

Illi rigward is-sitwazzjoni llum, l-attrici tghid li l-*Emigration Department* kienu cemplulha sabiex jirtiraw il-*"freedom of movement"* tal-konvenut. Hija tghid li meta l-konvenut telaq mid-dar huma kienu ilhom xi sena u nofs mizzewgin. Dak iz-zmien ma kienx hemm ligi li taghti minimu ta' 5 snin mizzewweg sabiex tiehu l-"*freedom of movement"*. Dan il-konvenut ovvjament ma kienx jaf li ser isir u llum ma jistax jakkwista l-"*freedom of movement",* ghaliex ma ghamilx il-minimu ta' 5 snin ta' zwieg.

Illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2002 xehed **Joseph Scicluna** prodott mill-attrici u jghid li l-attrici hija bintu, tewmija ma' ohtha Claudine Alcock. Jghid li r-relazzjoni ma' l-attrici dejjem kienet tajba hafna - jitkellmu meta jkollhom il-problemi.

Illi jghid li l-attrici kienet qalet lilu u lil martu li l-konvenut kien Amerikan, jismu Hani. Meta ra lill-konvenut l-ewwel darba kien induna li huwa Gharbi u ma hax gost u ma xtaqx li l-attrici tibqa' tohrog mieghu. Dak il-hin il-mara tieghu kienet hemm ukoll u r-reazzjoni taghha, kienet aghar, u dan minhabba l-esperjenza personali li kellha ohtha, Pamela li mizzewga Libjan u tghix il-Libja. Pamela sofriet abbuz kemm fizikament u mentalment minn zewgha.

Illi jixhed li wara li raw lill-konvenut, il-mara u l-attrici bdew bl-inkwiet mal-ewwel, cjoe' filghaxija stess. Id-diskors kien *"itilqghu, ara ma tkomplix, m'ghandekx x'tambih, ara lil zijtek."* Huwa ha l-istess attitudni tal-mara.

Illi tixhed li *"Sharon is very gullable, intelligenti pero' m'ghandhiex hazen."*

Illi jghid li l-attrici ma haditx gost bir-reazzjoni taghhom u hija hadithom bl-gherra u ssuppervjat. Il-mara baqghet bl-attitudni ta' glied, konfronti, suppervja ma' l-attrici. Huwa pero` ipprova psikologikamet jahdem differenti. Fil-fatt huwa kien iltaqa` mal-konvenut xi granet wara fl-ufficcju tieghu. Huwa jixhed li l-attrici kienet *"blinded with love"*. Jghid: *"Ma ridtx li t-tifla tizzewweg Gharbi….Hani baqa' jghid li huwa Amerikan u mhux Gharbi. Hani spjegali li*

*ghalkemm twieled il-Libja, meta kien zghir il-genituri haduh l-Amerika u huwa, l-mentalita' tieghu kien ta' Amerikan u mhux ta' Libjan, ghaliex ghex hajtu hemm."*

Illi jghid li l-pressjoni tal-mara u tieghu f'livell differenti, baqghu sejrin kontinwament anki wara z-zwieg. Minn naha t'ommha, baqghet sakemm l-attrici sseparat minn mal-konvenut. Il-pressjoni kienet sabiex l-attrici titlaq lill-konvenuti.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2002 kompla jixhed Joseph Scicluna u jghid li l-konvenut kien insista mieghu li huwa kien sejjer jibqa' Malta sakemm ma jigix ic-cans li jmur l-Amerika. Jghid: *"Bi kliemu tani x'nifhem li l-iskop li jizzewweg lil Sharon kien li jibqa' Malta ghaliex kienet ehfef ghalih li jirranga li jmur l-Amerika minn Malta, milli minn gewwa l-Libja…. Jien bqajt nghidilhom it-tnejn f'wicchom li z-zwieg ma seta' jirnexxi qatt u li sejrin jibdew il-hajja taz-zwieg "on wrong footing" ghaliex minn kliemu wkoll, qal li jekk jersaq lejn il-Libja, huwa kien jigi arrestat. Il-Libja ma setax imur ghax jarrestawh, ghall-Amerika, Visa ma kellux u Malta ovvjament jekk ma jizzewwigx, wara ceru perjodu kellu jitlaq… kien qed jghidli li l-unika soluzzjoni kien li jizzewweg lil Sharon."*

Illi x-xhud jghid li l-attrici kienet prezenti ghal dan id-diskors izda ma haditx pjacir, ghaliex irrealizzat li huwa kien qed jipprova jhassrilhom. L-attrici baqghet tippersisti li trid tizzewweg, forsi minhabba li ghamiet bl-imhabba jew ghaliex il-konvenut kien diga' kkonvinciha. Jghid li huwa kien qed jghid le ghaz-zwieg u l-attrici tghid iva b'hafna suppervja. Jghid li wara dan l-episodju huwa xorta baqa' jitkellem ma' l-attrici u jipprova jipperswadiha sabiex ma tizzewwigtx lill-konvenut.

Illi Joseph Scicluna xehed ukoll fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2002 u jghid li l-pressjoni li hu u l-mara ghamlu fuq l-attrici qabel iz-zwieg waqaf wara z-zwieg taghhom.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2002 xehdet omm l-attrici, **Jackie Scicluna** u qalet li darba hija u r-ragel kienu iltaqghu mal-konvenut. L-attrici kienet qalet li huwa

Amerikan. Hija qalet lill-attrici li dan kien Gharbi u l-attrici bdiet tirribella u tghid li hija kienet migbuda lejh u lejn il-karattru tieghu. Tghid: *"Jiena ghidtilha sabiex ma tkomplix mieghu m'ghandhiex xi tridu. Spjegajtilha li jiena kelli "bad experience" minn ohti li mizzewga Gharbi u jistmaghha hazin hafna sa llum."*

Illi x-xhud tkompli tixhed: *"Jiena ghidtilha sabiex titilqu diversi drabi u hija kienet tirrabja. Ma kienet trid tisma' xejn. Jiena spiccajt nghidilha bir-rabja sabiex titilqu u bil-mod li ttrattajt maghha, spiccajt aktar inressaqha lejn Hani ghaliex jiena mbaghad keccejtha mid-dar u Sharon marret tghix ma' Hani. Jiena ghamiltilha hafna pressjoni sabiex titilqu. Jien fil-bidu kont inkellimha bil-mod, imma mbaghad nibda nghajjat. Jiena kont nheddida li jekk ma titlaqx lil Hani, kont sejra nkeccieha 'l barra mid-dar, li fil-fatt ghamilt."*

Illi x-xhud tghid li fiz-zmien li kienet tghix id-dar l-attrici u kienet mal-konvenut, huma kienu jitkellmu biss sabiex nargumentaw fuq il-konvenut. Dawn l-argumenti kienu spiss hafna, xi tliet darbiet fil-gimgha. Tghid: *"Meta konna nitkellmu, kont biss jiena naghmel pressjoni fuqha u ninsisti li titlaq lil Hani u hija tinsisti li mhux sejra titilqu….Hija kienet tghidli "jiena rridu u jekk ma taccettawhx, nitlaq mid-dar."*

Illi tghid li l-konvenut ma kienx ihobb lill-attrici izda zzewwigha sabiex juzaha biex jibqa' Malta.

Illi x-xhud tghid li la hija u lanqas ir-ragel taghha ma attendew ghaz-zwieg tal-kontendenti. Hija qatt ma kellmet lill-konvenut u kienet ukoll waqfet tkellem lill-attrici ghal diversi snin.

**ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap.255**. L-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-

formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gia ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghal, l-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dana bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' interpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ingannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun <u>tista'</u> mix-xorta taghha tfixkel <u>serjament</u> il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb <u>bl-eskluzjoni pozittiva</u> taz-zwieg innifsu, new ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi ma hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta ifformula dan il-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. Infatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):-**

*"In generale si parla di <u>exclusio totale</u> e di <u>exclusio partiale</u>. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del <u>matrimonium ipsum,</u> mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad <u>essentiale matrimonii aliquod elementum</u> e*

*ad essentialem aliquam propprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta` tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (**Bejan** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (**Abbo** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru,1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista` jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju,1973) (***Ferraro*** 26 ta' April, 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage."* (***Rogers*** 11 ta' Novembru, 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoncidux ma` dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lil ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill-banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-kaz ta' nullita parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fi totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna imkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe'

dik il-fedelta` reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punt iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-Gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfat dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni ta' l-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gia moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu <u>rizultat</u> ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi l-attrici issemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'*

*gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben*

*pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

*Illi l-awtur* ***Viladrich*** *jispjega li:-*

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(Viladrich, P.J.,** ***Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)***, *p. 686).*

**<u>iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita` taz-zwieg in ezami fuq:-

*"Peress illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null stante illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament*

*il-hajja mizzewga, ai termini ta' l-***artikolu 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta***, u";*

*"Peress illi inoltre, l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq d-dmirjiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini ta' l-artikolu* ***19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,*** *u";*

*"Peress illi oltre dan, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini ta' l-***artikolu 19 (1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta***";*

Illi l-attrici qed tirreferi ghall-**Att dwar iz-Zwieg**, **artikolu 19(1) (c) (d) (f) tal-Kap 255** u fuq hekk tibbaza l-azzjoni taghha.

Illi l-fatturi evidenti u rilevanti li ghandhom jigu ikkunsidrati fil-kwadru generali tal-kaz huma:

(a) Il-problemi tal-konvenut: huwa ma setax imur jghix l-Amerika ghaliex kellu *visa* skaduta; ma setax u ma riedx imur lura l-Libja ghaliex l-Awtoritajiet jarresstawh; u sabiex jibqa` Malta u jahdem kellu jizzewweg lill-attrici.

(b) Il-problemi li kellha l-attrici mal-familja taghha ghaliex ma riedux li l-attrici tkompli r-relazzjoni taghha ma' Libjan. Il-pressjoni kbira li ghamlu fuq l-attrici kienet tali li l-attrici iktar webbset rasha sabiex tizzewweg lill-konvenut.

(c) Il-fatt li l-attrici kellha dubju dwar iz-zwieg tghid: *"I did not know what I wanted to do".*

(d) Il-fatt li l-attrici insistit mal-konvenut sabiex jizzewgu bir-registru ghaliex : *"Getting married in church was more of a commitment."*

(e) Iz-zwieg tal-kontendenti sfaxxa wara ftit zmien, meta l-konvenut kompla l-hajja tieghu ta' guvni u wara ftit telaq mid-dar.

Illi l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigtx lill-attrici sempliciment ghall-konvenjenza, u cioe' sabiex jibqa` Malta u jahdem u ma jkollux imur lura l-Libja fejn kellu l-problemi ma' l-Awtoritajiet, jew inkella izzewigtx biex jifforma familja, bl-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga.

Illli mill-kumpless tal-provi migbura gie ippruvat, sal-grad li trid il-ligi civili, cjoe` sal-grad tal-probabbilita', li r-raguni vera ghall-konvenut sabiex jersaq ghaz-zwieg kienet ta' konvenjenza u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet. Ic-cirkostanzi kollha, kemm antecedenti u kif ukoll dawk sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali jridu jigu ikkunsidrati sabiex tasal sal-grad ta' probabbilita` li kien hemm eskluzjoni posittiva.

Illi fil-kawza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopordi"** (P.A. 16 ta' Dicembru 1996) inghad li *"biex wiehed jara jekk parti jew ohra fiz-zwieg eskludietx, b' att pozittiv kif fuq imfisser, dan l-element essenzjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid jara mhux biss id-dikjarazzjonijiet ossia konfessjonali maghmula a tempo vergine minn parti jew minn ohra, izda wkoll – u forsi aktar importanti – ic-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg."*

Illi l-gurista ***Francesco Bersini*** jispjega:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto positivo di volonta` lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita` vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci** (**Torino**), 1994)."

Illi Qorti fil-kawza **"Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** deciza fl-10 ta' Marzu 2000 fissret li:-

*"..meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b' mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f' dawn il-kazijiet wiehed m' ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun; pero` tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament."*

Illi l-Qorti kompliet tghid li fi kliem il-gurista ***Castano:-***

*"…l-atto positivo della volonta` non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente."* ***(Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio,** *Roma, 1992)*

Illi l-Qorti fil-kawza **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada"** deciza fl-10 t' Ottubru 1995 irriteniet li:-

*"Minn din il-versjoni jirrizulta car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti …kien zwieg ta' konvenjenza, intiz sabiex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta, jahdem bla problemi u eventwalment jikseb ic-cittadinanza….Hawn qeghdin ghalhekk fil-kamp tas-simulazzjoni u cioe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar consensus simulatus jew consensus fictus. Din is-simulazzjoni tista tkun jew totali jew parzjali (****"Anna Galea vs John Walsh", Prim' Awla,*** *30 ta' Marzu 1995). Fil-kaz prezenti din il-Qorti tara li kien hemm simulazzjoni totali da parti tal-konvenut ghax kollox jindika li hu eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu….."*

Illi gie wkoll ritenut mit-Tribunal Regjonali ta' **Halifax** (Canada) fis-sentenza tat-23 ta' Gunju 1977 **coram Morrisey** (u riportata f'**Documentation II on Marriage Nullity Cases**, ***Hudson, J.E.*** ed., Ottawa (St. Paul University), 1979, p. 136) li:

*"In addition, we should mention that the law clearly states…that a <u>positive</u> act of will is required for an intention to exert an influence on matrimonial consent. However, it is not necessary that the act of exclusion be explicit; an <u>implicit</u> act would suffice as a basis for an invalidating simulation of marital consent. Furthermore, it is not necessary that the positive act required for simulation be actual; a <u>virtual</u> intention contrary to the essence of marriage would suffice to render the consent invalid by reason of simulation."*

Illi b' kapacita' tal-partijiet ghaz-zwieg wiehed jifhem dawk il-prerekwiziti oggettivi li jridu jkunu jezistu fil-parti sabiex dik il-parti tkun tista' tersaq ghaz-zwieg u sabiex tkun tista' validament tikkontratta. Is-simulazzjoni necessarjament tippresumi li persuna setghet tersaq ghaz-zwieg u setghet validament tikkontratta izda, b'ghazla taghha, iddecidiet li fil-fatt ma tikkontrattax validament. (**"Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** deciza fl-10 ta' Marzu 2000)

Illi huwa car li l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg. L-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Illi din il-Qorti fil-kawza **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** deciza fil-31 ta' Dicembru 1996 iddikjarat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b'att pozittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew propjeta' essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi din il-Qorti fil-kawza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"**deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 ikkunsidrat l-kaz *"..ta min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu jkun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg." Din il-Qorti kompliet tispjega l-gurista Castano, fejn jghid li l-eskluzzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux*

*bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' intenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali".*

Illi skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ippruvat u dan peress li jidher li fl-ewwel lok, il-konvenut qarraq bl-attrici *stante* li l-iskop vera ghaliex huwa zzewweg lill-attrici, kien biss sabiex jakkwista d-dritt li huwa jibqa' jghix hawn Malta u xejn izjed. Jidher li l-genituri ta' l-attrici mill-ewwel indunaw b'dan u offrew oppozizzjoni ghall-istess zwieg, izda dan serva sabiex l-attrici, ghalkemm kienet incerta ghall-ahhar jekk rieditx *addirittura* tizzewweg, iktar webbset rasha u zzewget lill-konvenut sabiex tisfida lill-genituri taghha u dan wara li hija kienet gja tghix mal-konvenut, ghaliex kwazi, kwazi l-genituri taghha minhabba din ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, lanqas biss riduha tghix id-dar maghhom. Din serviet sabiex l-attrici iktar iddipendiet fuq il-konvenut emozzjonalment, u dan ha ghal kollox vantagg minnha. Illi r-raguni vera ghal dan iz-zwieg giet ikkonfermata wara c-celebrazzjoni ta' l-istess, ghaliex il-konvenut appagat bl-iskop tieghu bl-istess zwieg, litteralment immaltrata lill-attrici u kellu relazzjonijiet anke ma' nisa ohra, tant li wara ftit taz-zmien abbanduna d-dar konjugali u mar jghix ma' mara ohra. Dan kien kollu ingann *da parte* tal-konvenut, u l-attrici fic-cirkostanzi li kienet fihom, hafna minnhom *self inflicted* halliet ruhha li tigi hekk ingannata u ghalhekk skond din il-Qorti hemm il-presupposti kollha sabiex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f)** u wkoll *in vista* ta' dak fuq premess jirrizulta li l-konvenut qatt ma kellu l-hsieb li jagixxi ta' ragel ta' l-attrici fis-sens proprju tal-kelma ghaliex huwa litteralment uza lill-attrici sabiex jakkwista d-dritt *tramite* l-istess zwieg li jkun jista' jghix hawn Malta u fi ftit kliem din kienet l-unika haga li kien jimpurtah mir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici, u ma hemm l-ebda dubju li z-

zejjil u l-kliem li kien jghid l-konvenut qabel iz-zwieg anke lill-istess missier l-attrici kien biss intenzjonat sabiex jinganna anke lill-genituri ta' l-attrici, kif fil-fatt irnexxielu jinganna lill-attrici, anke peress li din kienet litteralment infatwata b'dan il-bniedem, u wkoll kellha id-diskrezzjoni ta' gudizzju taghha imcajpra kemm bil-pika li hija dahlet mal-genituri taghha, minhabba l-oppozizzjoni li dawn urew mill-bidu kontra din ir-relazzjoni ta' binthom, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' deskrizzjoni ta' gudizzju li kienet qeghda affetta bih l-attrici, li fic-cirkostanzi uriet ruhha mmatura' ghall-ahhar u halliet min jisserva biha. Din il-Qorti thoss li anke taht l-**artikolu 19 (1) (f)** hemm raguni ghall-annulament ta' dan iz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi fl-ahharnett fil-kuntest ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** u l-insenjamenti fuq citati, jidher li hemm bazi ghall-annulament ta' dan iz-zwieg anke minhabba n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' l-attrici fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg, *stante* li jidher car li hija qatt ma rriflettiet fuq il-konsegwenzi ta' l-imsemmi zwieg u jidher li dan il-pass ghamlitu meta hija tistqarr li lanqas biss riedet tizzewweg u jidher li hija ghamlet dan kemm minhabba l-insistenza tal-konvenut, bla ma rat u kienet kapaci tara f'dak il-mument, ghaliex il-konvenut kien qed jaghmel din l-insistenza kollha, u wkoll ghaliex hija kienet ikkoncentrata jekk mhux iffissata sabiex tisfida lill-genituri taghha, u sabiex bhal speci turihom li ghalkemm huma opponew mill-ewwel u konstantament ghall-istess relazzjoni, hawn taht ezami, huma ma setghux jikkontrollaw hija x'taghmel b'hajjitha. Il-konsegwenzi ta' din l-immaturita' gravi gew manifestati f'din il-kawza u ta' min wiehed jirreferi wkoll ghall-fatt li l-attrici ghazlet li tizzewweg bic-civil, proprju minhabba din l-inkonsistenza u dubji kbar li hija kellha f'mohhha proprju fuq din ir-relazzjoni. Hawn ta' min jghid li qisha f'dan il-pajjiz dahlet moda li wiehed jizzewweg bic-civil biss bhala prova, meta in verita' u legalment dan iz-zwieg civili ghall-ligi taghna huwa zwieg bl-effetti legali tieghu, u forsi wasal iz-zmien li jittiehdu l-passi necessarji anke legislament sabiex ma jsirx abbuz fic-celebrazzjoni ta' l-istess istituzzjoni, ghaliex mill-kawzi li qed jidhru quddiem il-Qorti jidher li dan ma

huwiex kaz izolat. Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li hemm lok li dan iz-zwieg jigi ddikjarat null anke skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-21 ta' Frar 1998 huwa null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn l-istess zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------